



Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard

Kisbiet, sfidi u riżultati prinċipali tal-2016

Spunti mir-Rapport Annwali tad-Direttur

Dan is-sommarju joffri għażla ta' attivitajiet prinċipali mill-2016 iżda assolutament mhuwiex rappreżentazzjoni tal-firxa sħiħa tal-kisbiet tal-ECDC fl-2016.

Ħarsa ddettaljata lejn il-firxa tal-attivitajiet tal-ECDC, l-istrutturi organizzattivi u amministrattivi tiegħu, u l-pjan ta' ħidma tiegħu, jistgħu jinstabu fil-verżjoni mhux imqassra tar-Rapport Annwali

<https://ecdc.europa.eu/sites/portal/files/documents/annual-report-director-2016.pdf/>

Ċitazzjoni ssuġġerita:

Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard. Kisbiet, sfidi u riżultati prinċipali – 2016: Spunti mir-Rapport Annwali tad-Direttur Stokkolma: ECDC; 2017.

ISBN 978-92-9498-109-7

ISSN 2529-6019

doi 10.2900/94969

Numru tal-katalogu TQ-AX-17-001-MT-N

© Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, 2017.

Ir-ritratti kollha © ECDC, ħlief iStock; paġna ta' quddiem (ċentru), paġna 4 (fuq lemin), paġna 6 (isfel); NIH 3D Print Exchange, National Institutes of Health; paġna 24 (fuq xellug)

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jiġi rikonoxxut is-sors oriġinali.

Ir-ritratti kollha użati f'din il-pubblikazzjoni huma koperti mid-dritt tal-awtur u ma jistgħux jintużaw għal għanijiet oħrajn għajr għal din il-pubblikazzjoni jekk mhux bil-permess espliċitu tad-detentur tad-dritt tal-awtur.

Kisbiet, sfidi u riżultati prinċipali tal-2016

Spunti mir-Rapport Annwali tad-Direttur

Werrej

Daħla.....	5
Introduzzjoni.....	5
Sorveljanza ta' mard infettiv.....	7
Protezzjoni tas-saħħa tal-Ewropa – programmi relatati mal-mard tal-ECDC.....	8
Programm ARHAI: reżistenza antimikrobika u infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa.....	9
Programm EVD: mard emerġenti u dak li jinġarr minn vetturi.....	11
Programm FWD: mard u żoonożi li jittieħdu mill-ikel u li jittieħdu mill-ilma.....	13
Programm HSH: HIV, infezzjonijiet trażmessi sesswalment u epatite virali.....	15
Programm IRB: influwenza u virusijiet respiratorji oħrajn.....	17
Programm TB: tuberkolożi.....	19
Programm VPD: mard li jista' jiġi evitat bit-tilqim.....	21
Komunikazzjoni u taħriġ: inxerrdu l-aħbar, ngħaddu l-għarfien.....	23
Noqogħdu attenti: viġilanza kontra l-mard.....	25
L-ECDC f'numri.....	26

EUROPEAN ANTIBIOTIC AWARENESS DAY

A EUROPEAN HEALTH INITIATIVE

18



EUROPEAN HEALTH FORUM GASTEIN

FOPI

MINI FRAU ĠESU

EUROPEAN HEALTH AWARD 2016

€ 10.000

European Antibiotic Awareness Day

HYPO

typothekenbank

EUROPEAN HEALTH FORUM GASTEIN

EUROPEAN HEALTH AWARD 2016

European Antibiotic Awareness Day Project



Daħla mill-President tal-Bord tal-Amministrazzjoni

Fis-sena 2016 kien hemm żewġ avvenimenti ewlenin li għalihom l-ECDC ipprova appoġġ li ġie apprezzat ħafna lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri tal-UE.

L-ewwel nett, it-tifqigħa għall-għarrieda tal-virus Zika żammet lill-ECDC okkupat b'kompiti ta' monitoraġġ tal-mard, b'valutazzjonijiet tar-riskju u bl-iżvilupp ta' materjali ta' tħejija.

It-tieni nett, ġiet identifikata tifqigħa kbira ta' salmonellożi f'għadd ta' pajjiżi bis-saħħa ta' protokoll standard ġodda għas-sekwenzar tal-ġenomi sħaħ (whole genome sequencing) (WGS), li għal darb'oħra juri r-rilevanza tal-WGS għas-sorveljanza tal-mard. Il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri malajr implimentaw il-kontromiżuri adottati u għalhekk ikkontribwixxew għal tnaqqis sinifikanti tas-salmonellożi fl-Ewropa.

Fl-2016, il-Bord tal-Amministrazzjoni kompli jimmonitorja l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Bord li saru wara l-valutazzjoni esterna tal-2015 tal-ħidma tal-ECDC. L-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet ser tkompli ssaħħaħ iċ-Ċentru fis-snin li ġejjin.

Nixtieq nieħu din l-opportunità biex niringrazzja lill-eks-viċi President Tiiu Aro għad-dedikazzjoni tagħha matul dawn l-aħħar erba' snin. Anni-Riitta Virolainen-Julkunen ġiet maħtura bħala l-viċi President il-ġdid tal-Bord tal-Amministrazzjoni.

Finalment, nixtieq niringrazzja lil Andrea Ammon, li fl-aħħar sentejn mexxiet iċ-Ċentru b'suċċess u b'mod konsistenti żgurat li l-output taċ-Ċentru jissodisfa u jaqbeż l-aspettattivi. Ir-riżultati ppreżentati f'dawn ir-rapport huma prova tat-tmexxija tajba tagħha.

*Daniel Reynders
President tal-Bord tal-Amministrazzjoni tal-ECDC
24 ta' Frar 2017*

In-naħa ta' fuq tax-xellug u isfel: Il-Jum Ewropew dwar is-Sensibilizzazzjoni Antibijotika tal-ECDC issa jinsab fid-disa' sena tiegħu. Il-Proġett irċieva l-Premju Ewropew għas-Saħħa 2016 (European Health Award).

In-naħa ta' fuq taċ-ċentru: Il-missjoni ta' valutazzjoni tas-saħħa pubblika tal-UE għall-Angola: L-ECDC ingħaqad ma' tim ta' esperti mediċi u tas-saħħa pubblika taħt il-Korp Mediku Ewropew, fi ftehim mal-gvern Angolan u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa.



Introduzzjoni mid-Direttur

L-2016 kienet sena bieżla oħra għall-ECDC. Matul is-sena, l-ECDC ipprova appoġġ xjentifiku u tekniku lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Parlament, u lill-Istati Membri. Biex nagħtuk eżempju wieħed biss: matul is-sena, l-ECDC wieġeb għal 41 talba formali mill-Kummissjoni, li 19 minnhom tressqu minn Membri tal-Parlament Ewropew.

Matul is-sena 2016 kollha, it-tifqigħ tal-virus Zika talab l-attenzjoni sħiħa tax-xjenzati tagħna. L-ECDC ħareġ numru ta' valutazzjonijiet tar-riskju tal-virus Zika, ingħaqad mal-WHO u mas-CDC tal-Istati Uniti dwar pariri dwar l-ivvjaġġar minħabba z-Zika, ħareġ definizzjoni tal-każ għall-infezzjoni tal-virus Zika, u rreveda miżuri għall-kontroll tan-nemus.

Pass sinifikanti lejn iċ-ċaqliq għal bini ġdid sar meta ffirmajna l-kuntratt tal-kiri. Aħna ffinalizzajna wkoll il-programmi ta' ħidma tal-ECDC għall-2017 u l-2018, ivvalutajna l-prevenzjoni tal-mard li jittieħed fl-UE, ivvalutajna l-infrastruttura tal-mikrobijoloġija Ewropea, esplorajna r-raġunijiet wara l-eżitazzjoni tat-tilqim, u ħdimna fuq strateġiji ta' tilqim tul il-ħajja.

Il-valutazzjoni tal-potenzjal epidemiku ta' tifqigħat tal-mard, kemm fl-UE kif ukoll 'il barra mill-UE, hi aspett importanti tal-ħidma tal-ECDC. Hu għalhekk li l-ECDC ipparteċipa fl-ewwel missjoni tal-Korp Mediku Ewropew li għadu kif twaqqaf: f'Mejju 2016, esperti tal-ECDC ivvjaġġaw għall-Angola biex jivvalutaw l-implikazzjonijiet tat-tifqigħ tad-deni isfar Angolan għaċ-ċittadini tal-UE.

Issa għaddew kważi sentejn minn meta jien ħadt il-kariga ta' Aġent Direttur tal-ECDC. Nixtieq nesprimi l-gratitudni tiegħi lejn il-Bord tal-Amministrazzjoni u l-Forum Konsultattiv għall-fiduċja tagħhom fija, il-pariri imprezzabbli tagħhom, u l-appoġġ sod tagħhom għaċ-Ċentru.

*Andrea Ammon,
Aġent Direttur tal-ECDC
27 ta' Frar 2017*



Sorveljanza ta' mard infettiv

Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC), li għie stabbilit fl-2005 u huwa bbażat fi Stokkolma, fl-Iżvezja, huwa l-aġenzija tal-Unjoni Ewropea li għandha r-responsabbiltà li ssaħħa id-difiża tal-Ewropa kontra l-mard infettiv. L-ECDC jidentifika, jivvaluta u jikkomunika theddid attwali u emerġenti għas-saħħa tal-bniedem li jirriżulta minn mard infettiv. Hu jappoġġja wkoll l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea fit-tnejjija u fl-isforzi ta' rispons tagħhom. Iċ-Ċentru jipprovdi pariri xjentifiċi lill-Istati Membri tal-UE/ŻEE u huwa sors affidabbli ta' informazzjoni u riżorsi fl-oqsma kollha relatati mas-saħħa pubblika.

Fil-31 ta' Diċembru 2016, l-ECDC kellu 260 membru tal-persunal permanenti jaħdem fuq is-sorveljanza tal-mard, l-identifikazzjoni tat-tifqigħat, il-pariri xjentifiċi, it-teknoloġija tal-informazzjoni, il-komunikazzjoni, u l-amministrazzjoni.

Fl-2016, l-ECDC kellu baġit prinċipali ta' EUR 58.36 miljun.

Sorveljanza ta' mard

Wieħed mill-preġji prinċipali tal-ECDC huwa l-kapaċità tiegħu li jirreaġixxi malajr għall-epidemjoloġija li qiegħda tinbidel tal-mard infettiv. L-ECDC jopera u jmantni tliet sistemi, fejn kull waħda hija essenzjali għal qasam speċifiku wieħed ta' kontroll tal-mard: EWRS (twissijiet meta jiġi identifikat theddid), EPIS (intelliġenza dwar l-epidemiji), u TESSy (sorveljanza tal-mard).

Is-Sistema ta' Twissija Bikrija u Reazzjoni (EWRS) hija sistema kunfidenzjali li tippermetti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea jaqsmu l-informazzjoni u jibagħtu twissijiet dwar avvenimenti marbutin mas-saħħa li

jikkollhom impatt potenzjali fil-livell tal-UE u jikkoordinaw il-miżuri ta' rispons meħtieġa biex tiġi protetta s-saħħa pubblika. Is-sistema ilha tintuża b'suċċess mill-1998, u l-ECDC ilu mqabbad mal-EWRS minn April 2005. Fl-2016, waqt it-tifqigħa tal-marda tal-virus Zika, is-sistema reġgħet uriet il-valur tagħha.

Is-Sistema ta' Informazzjoni dwar l-Intelliġenza Epidemika (EPIS) hija pjattaforma ta' komunikazzjoni sigura bbażata fuq il-web li tippermetti l-iskambju ta' informazzjoni epidemjoloġika li tista' tkun l-ewwel sinjali ta' tifqigħat ta' mard infettiv.

Is-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza (TESSy) hija sistema ta' bażi ta' data tassew flessibbli biex tinġabar data dwar il-mard. Il-pajjiżi tal-UE/ŻEE regolarment jirrapportaw data dwar il-mard infettiv lil TESSy. Applikazzjonijiet tad-data jinkludu l-produzzjoni ta' rapporti ta' sorveljanza u l-Atlas ta' Sorveljanza interattiv tal-Mard Infettiv tal-ECDC.

Barra minn hekk, l-ECDC jappoġġja x-xogħol tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Istati Membri fil-Kumitat tas-Sigurtà tas-Saħħa tal-UE biex jiġi żgurat fluss kostanti ta' informazzjoni dwar l-aħħar żviluppi u tiġi żgurata sinkronizzazzjoni tal-miżuri dwar is-saħħa pubblika.

In-naħa ta' fuq tax-xellug: Pazjent tat-tuberkolożi mingħajr dar jiddiskuti l-X-ray tiegħu ma' ħaddiem tal-komunità tas-saħħa f'Pariġi, Franza. Minn studji tal-każ tal-ECDC dwar interventi għal ġestjoni tat-tuberkolożi fi gruppi vulnerabbli.


In-naħa ta' fuq taċ-ċentru: Kateřina Konečná (GUE/NGL, ir-Repubblika Ċeka), il-kollegament tal-ECDC mal-Kumitat ENVI tal-Parlament Ewropew, żaret iċ-Ċentru fl-14 ta' Ġunju 2016

In-naħa ta' fuq tal-lemin: Iċ-Ċentru ta' Operazzjonijiet ta' Emerġenza, ECDC Ċentru lemin: L-espert tal-ECDC Josep Jansa jiltaqa' ma' ħaddiema tas-saħħa fl-Angola Isfel: Nemusa Aedes tieħu ikla demm

Growing resistance to last-line antibiotics




Carbapenems are a major last-line class of antibiotics to treat bacterial infections. The spread of carbapenem-resistant infections is a threat to healthcare and patient safety in Europe as it seriously curtails the ability to cure infections.

Each year, 30 EU/EEA countries report data on antimicrobial resistance to the European Antimicrobial Resistance Surveillance Network (EARS-Net) and on antimicrobial consumption to the European Surveillance of Antimicrobial Consumption network (ESAC-Net). Both networks are hosted at ECDC. For the first time, 18 countries reported data on *Acinetobacter* spp. to EARS-Net. In addition, experts in 38 European countries participated in the European Survey on Carbapenemase-Producing *Enterobacteriaceae* (EuSCAPE) done for ECDC by the University Medical Centre Groningen, in the Netherlands.



Carbapenemase-producing *Acinetobacter baumannii* (CRAB)

Carbapenem-resistant *Enterobacteriaceae* (CPE)



13/38
countries reported an **uncertain** stage

25/38
countries reported a **certain** stage

Protezzjoni tas-saħħa tal-Ewropa – programmi relatati mal-mard tal-ECDC

Il-Programm ARHAI: reżistenza antimikrobika u infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa

Skont studju tal-2016 minn xjenzati tal-ECDC, il-piż ta' infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa (HAIs) hu ferm għoli fl-Ewropa. L-istudju jgħid li l-piż tas-saħħa magħqud tal-aktar sitt tipi prevalenti ta' HAIs hu ogħla mill-piż totali tat-32 marda li jittieħdu inklużi fl-istudju BCoDE, studju aktar bikri tal-ECDC dwar il-*Piż tal-Mard li Jittieħed fl-Ewropa 2009–2013*.

Fl-2016 ġie ppubblikat ukoll sħarriġ Ewropew prospettiv tal-ECDC ta' Entero- bacteriaceae li jipproduċu l-karbapenemażi. L-istħarriġ wera, abbażi ta' data minn 455 sptar f'36 pajjiż, li medja ta' 1.3 pazjenti għal kull 10 000 ammissjoni fi sptar jiet kellhom *K. pneumoniae* li ttiproduċi karbapenemażi jew infezzjoni *E. coli*.

Fl-2016, l-ECDC espanda d-direttorju tiegħu ta' riżorsi onlajn għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' reżistenza antimikrobika u infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa biex jitjeb il-qsim tal-aqwa Prattiki.

Xellug: Infografika tal-ECDC dwar antibijotiċi tal-aħħar ġenerazzjoni

Aktar minn 40 pajjiż madwar l-Ewropa pparteċipaw fid-disa' Jum Ewropew dwar is-Sensibilizzazzjoni Antibijotika (EAAD) fit-18 ta' Novembru. Il-Jum kien immarkat b'avvenimenti nazzjonali u ġie appoġġjat minn kampanja dwar l-użu prudenti ta' antibijotiċi fil-pajjiżi tal-UE. Qabel, fit-28 ta' Settembru, l-EAAD ngħata l-Premju Ewropew prestiġġjuż għas-Saħħa fil-Forum Ewropew dwar is-Saħħa f'Gastein.

L-ECDC kompli jaġixxi bħala kontributor prinċipali għat-TATFAR, it-Taskforce Transatlantika dwar ir-Reżistenza Antimikrobika (Transatlantic Taskforce on Antimicrobial Resistance), li nħolqot fl-2009 biex titjeb il-kooperazzjoni bejn l-Istati Uniti u l-UE f'dan il-qasam.

Zika virus is transmitted to people through the bite of an infected *Aedes* mosquito. But there are other, although rare, modes of transmission.


Local transmission could occur in continental Europe during the summer in areas where the tiger mosquito (*Aedes albopictus*) is present – if the Zika virus is imported by travellers.



Mosquito-borne transmission

The mosquito gets infected by biting a person who has the Zika virus in his or her blood. Over the next several days, the mosquito can become infectious and transmit the Zika virus to healthy people by biting them.

Zika virus
Blood vessel



Il-Programm EVD: mard emerġenti u dak li jinġarr minn vetturi

Hekk kif infirxet it-tifqigħa tal-virus Zika, il-mard li jinġarr min-nemus ittella' fuq quddiem nett tar-riċerka epidemjoloġika. Attivitajiet ta' rispons varjaw mill-produzzjoni ta' valutazzjonijiet tar-riskju għall-istabbiliment ta' klassifikazzjonijiet tal-pajjiżi għall-pariri għall-ivvjaġġar. Aspetti oħra tax-xogħol dwar Zika inkludew definizzjonijiet tal-każijiet, pjanijiet ta' tħejjija, u reviżjoni tal-letteratura dwar miżuri ta' kontroll tal-vettur għal *Aedes aegypti* u *Aedes albopictus*.

Qasam ta' riċerka ieħor kien id-deni tan-Nil tal-Punent (West Nile fever). L-ECDC beda l-ħidma fuq għodda ta' mmudellar dwar strateġiji ta' kontroll tal-vettur għad-deni tan-Nil tal-Punent fl-Ewropa. Is-sorveljanza tad-deni tan-Nil tal-Punent għet imsaħħa aktar biż-żieda ta' data u mapep fi żmien reali għall-Atlas ta' Sorveljanza Onlajn tal-Mard Infettiv tal-ECDC.

Il-mapep ta' distribuzzjoni bbażati fuq il-web tal-ECDC għan-nemus, għall-qurdien u għas-sandflies twessgħu u issa jinkludu l-pajjiżi kollha madwar il-baċir Mediterranju.

Esperti tal-mard tal-ECDC iffinalizzaw id-definizzjoni tal-każ għal-Lyme neuroborreliosis u ppreżentawha lill-Kummissjoni tal-UE. Huma rrevedew ukoll numru ta' għażliet għall-armonizzazzjoni gradwali tas-sorveljanza tal-Lyme neuroborreliosis fl-UE u identifikaw nuqqasijiet fis-sistemi attwali.

F'Mejju 2016, netwerk ġdid ta' laboratorji ħa post in-netwerk ENIVD il-qadim. In-netwerk il-ġdid – slogan onlajn: “EVD LabNet hu netwerk espert Ewropew ta' laboratorji għal mard virali emerġenti” – jirċievi finanzjament mill-ECDC u jipprovi appoġġ għall-identifikazzjoni bikrija u l-konferma ta' mard ta' vettur emerġenti.

EVD LabNet jaħdem f'kollaborazzjoni mill-qrib ma' inizjattivi simili tal-UE biex jevita xogħol doppju. Fl-2016, il-fokus prinċipali tan-netwerk kien fuq id-dijanostiċi tal-virus Zika.

Listeria monocytogenes in food in the EU in 2015

3.9%
of ready-to-eat
fish products were
L. monocytogenes positive



2.5%
of ready-to-eat
meat products were
L. monocytogenes positive



1.1%
of cheese were
L. monocytogenes
positive



Source: European Union summary report on trends and sources of zoonoses, zoonotic agents and food-borne outbreaks in 2015, published by EFSA and ECDC in 2016.

Il-Programm FWD: mard u żoonożi li jittieħdu mill-ikel u li jittieħdu mill-ilma

Tifqigħat ta' mard li jittieħed mill-ikel u li jittieħed mill-ilma huma magħrufin li huma diffiċli biex jiġu sorveljati u intraċċati. Fejn tifqigħat kbar f'għadd ta' pajjiżi tas-*Salmonella* qajmu tħassib fil-komunità tas-saħħa pubblika, l-esperti tal-mard li jinġarr fl-ikel tal-ECDC għenu biex tinbeda kollaborazzjoni mifruxa fl-UE biex tiġi ddeterminata l-kawża tat-tifqigħa.


Kmieni fit-tifqigħa, l-esperti fl-Istati Membri u fl-ECDC użaw żewġ metodi kumplimentari biex jissorveljaw ir-razza implikata tas-*Salmonella*: sekwenzar tal-ġenoma sħiħa u MLVA. MLVA, jew analiżi ta' ripetizzjoni ta' tandem b'numru varjabbli u b'diversi loci (multiple-loci variable-number tandem repeat analysis), hi teknika li tiġġenera marka tas-swaba' tad-DNA; tintuża għall-analiżi ġenetika ta' ċerti mikroorganismi. Is-sekwenzar tal-ġenomi sħaħ jintuża biex tiġi mmappjata s-sekwenza sħiħa tad-DNA tal-ġenoma ta' organiżmu f'waqt wieħed.

Waqt it-tifqigħa tas-*Salmonella*, l-ECDC wera li l-għaqda ta' metodi tradizzjonali għall-identifikazzjoni tas-sinjali flimkien ma' approċċ ġenetiku jtejjeb b'mod sinifikanti l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni ta' tifqigħat ta' mard li jittieħed mill-ikel u li jittieħed mill-ilma.

EPIS-FWD, fergħa tas-Sistema ta' Informazzjoni u Intelliġenza Epidemika, tiffaċilita l-identifikazzjoni bikrija u l-valutazzjoni ta' raggruppamenti tat-typing molekulari u tifqigħat multinazzjonali/f'għadd ta' pajjiżi ta' mard li jittieħed mill-ikel u li jittieħed mill-ilma. Fl-2016, is-Sistema ttrattat 47 *Mistoqsija Urġenti*. Bħalissa l-pjattaforma tgħaqqad epidemjoloġisti u mikrobijoloġisti minn 52 pajjiż madwar id-dinja.

Xellug: *Lysteria monocytogenes* fl-ikel, infografika tal-ECDC

L-ECDC għadu involut ħafna fil-proġett ELITE, li jkompli jagħmel progress biex tintfiehem l-epidemjoloġija molekulari tal-listerjożi.



Fuq: Il-firxa minima tas-siġar tagħti viżwalizzazzjoni tar-relazzjonijiet ġenetiċi bejn l-iżolati (kulturi ta' mikroorganismi iżolati għall-istudju).


- Id-daqs taċ-ċirku jirrappreżenta n-numru ta' iżolati li għandhom profil ġenomiku simili.
- Ċrieki b'qawwara jindikaw tifqigħa transkonfinali.
- It-tul u l-ħxuna tal-linji jirrappreżentaw in-numru ta' differenzi bejn żewġ profili ġenomiki.
- Il-kuluri huma assenjati b'mod każwali biex juru l-orijini tal-iżolati; fl-eżempju tagħna, il-vjola jirrappreżenta "Pajjiż 3".

HIV and AIDS in Europe



HIV infection remains of major public health importance in the European Union and European Economic Area (EU/EEA) as the HIV epidemic persists largely unchanged with annually around 30 000 newly reported diagnoses.

ECDC estimates that 810 000 people are currently living with HIV in the EU/EEA – of which 122 000 (15%) do not know they are infected.



Test & protect!

Early diagnosis helps to prevent further transmission and lowers the risk of severe health complications.

Find an HIV test centre: bit.ly/EuropeanTestFinder

Follow us on twitter: @ECDC_HIVAIDS

There is no cure for HIV: early diagnosis allows access to lifesaving treatment

Il-Programm HSH: HIV, infezzjonijiet trażmessi sesswalment u epatite virali

F'Marzu 2016, in-netwerks għall-virus tal-immunodeficijenza umana (HIV) u għall-infezzjonijiet trażmessi sesswalment (STI) iltaqgħu għal laqgħa konġunta mal-Uffiċċju Reġjonali tal-WHO għall-Ewropa biex jiddiskutu sorveljanza aħjar tal-mard u l-aqwa Prattiki fl-Ewropa.

L-ECDC ippreżenta l-għodda l-ġdida tal-mudellar tal-HIV li tuża data tas-sorveljanza tal-HIV biex tagħmel stima ta' diversi parametri: in-numru ta' persuni bl-HIV, in-numru annwali ta' infezzjonijiet ġodda, iż-żmien medju bejn infezzjoni u dijanjożi, u n-numru ta' persuni li jeħtieġu kura. F'karta bbażata fuq data mill-pajjiżi kollha tal-UE, l-ECDC għamel stima li n-numru ta' nies bl-HIV hu ta' 810 000, fejn wieheh minn kull sebgħa mhuwiew konxju li hu pożittiv għall-HIV.

L-ECDC kompli jikkoordina s-sorveljanza fil-livell tal-UE tal-HIV, STIs u infezzjonijiet tal-epatite virali. Ir-rapport annwali komprensiv tas-sorveljanza tal-HIV/AIDS fl-Ewropa, imħejji flimkien mal-Uffiċċju Reġjonali tal-WHO għall-Ewropa, ġie ppubblikat għall-Jum Dinji kontra l-AIDS fl-1 ta' Diċembru.

Il-gonorrhoea żviluppat dejjem aktar reżistenza għal kura bl-antibijotiċi. Rapport ta' sorveljanza ta' kontroll tal-ECDC dwar ir-reżistenza antimikrobika gonokokkali ikkonferma din ix-xejra.

L-ECDC ippubblika żewġ rapporti annwali ta' stħarriġ dwar l-epatite B u l-epatite Ċ. Fl-2016, ħafna mix-xogħol fuq l-epatite kien devot għall-esplorazzjoni ta' sorsi alternattivi ta' data li jstgħu jiddeskrivu l-piż tal-marda tal-epatite, eż. bl-istabbiliment ta' protokoll fuq il-prevalenza sero tal-epatite Ċ fl-Ewropa.

Saret laqgħa ta' esperti biex jiġu diskussi għażliet għas-sorveljanza tar-reżistenza tal-HIV għall-mediċini fl-Ewropa. L-ewwel proposta ser tinħareġ fl-2017.

Esperti tal-ECDC ikkontribwixxew għal studju fuq id-determinanti tal-infezzjoni fost ħaddiema li jaħdmu fil-qasam tas-sess, li ġie ppubblikat f'*The Lancet HIV*. Hu ppreżenta evidenza għall-impatt negattiv li l-kriminalizzazzjoni u l-leġiżlazzjoni restrittiva jstgħu jkollhom fuq il-kontroll tat-trażmissjoni tal-HIV fost ħaddiema li jaħdmu fil-qasam tas-sess.

L-ECDC kompli jimmonitorja l-implimentazzjoni tad-*Dikjarazzjoni ta' Dublin tal-2004 dwar is-Sħubija fil-ġlieda kontra l-HIV/AIDS fl-Ewropa u fl-Asja Ċentrali*. Fil-kuntest ta' dan ix-xogħol, iċ-Ċentru ppubblika rapport u Nota ta' Evidenza dwar il-profilassi qabel l-espożizzjoni għall-prevenzjoni tal-HIV fl-Ewropa.

Bi twegħiba għal talbiet għal appoġġ tekniku, l-ECDC organizza misjonijiet fil-pajjiżi għall-Kroazja, il-Bulgarija u Malta.

L-ECDC ħadem mal-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Istudju tal-Fwied (EASL) u l-Unjoni Internazzjonali kontra Infezzjonijiet Trażmessi Sesswalment (IUSTI) fuq żewġ memorandi ta' qbil li ser jippermettu proġetti konġunti fil-futur.


Xellug: HIV/AIDS, infografika tal-ECDC

Influenza in Europe

Season 2015–2016

Circulating viruses


Only sentinel specimens are included



Influenza intensity reported during the season

- High or very high intensity for 5 weeks or more
- High or very high intensity for 1 to 4 weeks
- Only low and medium intensity reported
- Only low intensity reported

- Cyprus
- Luxemburg
- Malta



Influenza trend

Lab test results from sentinel specimens, by week



Il-Programm IRV: influenza u virusijiet respiratorji oħrajn

L-ECDC u l-Uffiċċju Reġjonali tal-WHO għall-Ewropa komplew is-sorveljanza konġunta tagħhom għall-influenza. Waħda mill-ħafna attivitajiet f'dan il-qasam hi l-pubblikazzjoni ta' bullettin ta' kull ġimgħa dwar l-influenza għall-Ewropa waqt l-istaġun tal-influenza (www.flunews-europe.org).

Abbażi ta' sħarriġ imwettaq min-netwerk VENICE, iċ-Ċentru ħareġ rapport dwar ir-rati ta' kopertura u rakkomandazzjonijiet għat-tilqim għall-influenza staġjonali fl-Istati Membri tal-UE.

Attivitajiet oħra inkludew xogħol tekniku fuq is-sorveljanza ta' respiratory syncytial viruses, stima tal-piż tal-mard attribwibbli għall-influenza, valutazzjoni tas-severità għall-influenza pandemika, u appoġġ għall-proċess tal-għażla tar-razza tat-tilqima tal-WHO.

Virusijiet tal-influenza zoonotika u virusijiet respiratorji oħrajn emerġenti jiġu mmonitorjati permezz tal-funzjoni ta' intelliġenza epidemika tal-ECDC. L-ECDC regolarment jivvaluta r-riskju li jirriżulta minn dawn il-virusijiet, speċjalment meta jiġu rrappurtati każijiet mhux normali jew mhux mistennija fil-bnedmin. Fl-2016, l-ECDC ipproduċa sitt valutazzjonijiet tar-riskju dwar virusijiet respiratorji, eż. dwar l-influenza staġjonali, l-influenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja A(H5N8), u l-enterovirali.

L-ECDC organizza sessjoni ta' ħidma teknika dwar kif tinkiseb rata ogħla ta' tilqim kontra l-influenza f'ħaddiema tal-kura tas-saħħa. Iċ-Ċentru nieda modulu ta' tagħlim elettroniku dwar dan is-suġġett – immirat primarjament lejn prattikanti tas-saħħa pubblika u maniġers – u ħareġ materjali addizzjonali bħal fliers, powsters u fuljetti għal ħaddiema tal-kura tas-saħħa.

Xellug: Ħarsa ġenerali lejn l-influenza staġjonali, infografika tal-ECDC

Il-finanzjament kompli għan-netwerk estern I-MOVE. I-MOVE jipprovdri stimi tal-effikaċja tat-tilqim kontra l-influenza staġjonali. Fl-2016, l-ECDC appoġġja diversi studji f'għadd ta' pajjiżi dwar l-effikaċja ta' tilqim kontra l-influenza staġjonali użati fl-Ewropa.

L-ECDC beda wkoll konsultazzjoni pubblika biex jittlob opinjonijiet esperti dwar il-benefiċċji ta' inibituri tan-newraminidażi għall-prevenzjoni u l-kura tal-influenza. Ir-rispons ser jiġi inkorporat f'opinjoni esperta bbażata fuq l-evidenza skedata biex tiġi ppubblikata f'Ġunju 2017.

Appoġġ kontinwu għan-Netwerk Ewropew għas-Sorveljanza tal-Influenza (European Influenza Surveillance Network, EISN) u n-Netwerk Ewropew tal-Laboratorju ta' Referenza għall-Influenza li taffettwa lill-Bniedem (European Reference Laboratory Network for Human Influenza) (ERLI-Net).

F'Novembru, saret żjara ta' pajjiż għall-Iżlanda biex jiġi rivedut il-pjan ta' ttejjija aġġornat għall-pandemija tal-pajjiż.



Il-Programm TB: tuberkolożi

It-tuberkolożi hi kawża ewlenija tal-morbidità u l-mortalità fl-Ewropa. Il-piż tal-mard mhuwiex imqassam b'mod indaqs fost il-popolazzjonijiet, li jvarja bis-sess u bl-istatus soċjali u ekonomiku.

Biex jenfasizza dan il-messaġġ, l-ECDC ippubblika dokument ta' gwida żviluppat reċentement dwar il-kontroll tat-tuberkolożi f'popolazzjonijiet vulnerabli u li diffiċli jintlaħqu, akkumpanjat b' nota informattiva ta' politika dwar l-istess suġġett. Tliet każijiet ta' studju, ippubblikati bħala eżempji ta' interventi biex tiġi mmaniġġjata t-tuberkolożi fi gruppi vulnerabli, komplew juru l-fokus kontinwu tal-ECDC fuq l-eliminazzjoni tat-tuberkolożi fl-Ewropa.

Ir-rapport annwali konġunt tal-ECDC-WHO-Ewropa dwar *Is-sorveljanza u l-monitoraġġ tat-tuberkolożi fl-Ewropa (Tuberculosis surveillance and monitoring in Europe)* ġie ppreżentat fil-Jum Dinji tat-Tuberkolożi, l-24 ta' Marzu.

Fl-2016, esperti tat-tuberkolożi tal-ECDC ippreżentaw l-ewwel rapport dwar is-sorveljanza molekulari tat-tuberkolożi reżistenti għal ħafna mediċini u pprođuċew manwal għal-laboratorji tal-UE involuti fid-dijanjożi tat-tuberkolożi.

Żjarat ta' skambju u sforzi ta' taħriġ komplew f'ħames pajjiżi ta' prijorità għolja tal-WHO: Il-Bulgarija, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u r-Rumanija.

Ir-ritratti kollha minn każijiet ta' studju tal-ECDC dwar interventi għal ġestjoni tat-tuberkolożi fi gruppi vulnerabli.

*Fuq: Ɔaddiem fil-gasam tas-saħħa tal-komunità u pazjent tat-tuberkolożi mingħajr dar, Pariġi
Isfel xellug: "Tililix dan ix-xarabank fit-triq għas-saħħa" – vann tat-tuberkolożi f'Londra
In-naħa tal-lemin t'isfel: Pazjent tat-tuberkolożi f'komunità tar-Rom, is-Slovakkja*


F'għurnali xjentifiċi ġew ippubblikati Ɔdax-il publikazzjoni xjentifika riveduti bejn il-pari minn epidemjoloġisti tal-ECDC. Is-suġġetti inkludew l-analiżi ta' data ta' sorveljanza tat-tuberkolożi, valutazzjonijiet esterni tal-kwalità għar-reżistenza għat-tuberkolożi u għall-mediċina fl-UE u r-riżultati ta' diversi proġetti tal-ECDC.



Ir-rapport annwali tat-tuberkolożi tal-ECDC hu ppubblikat b'mod konġunt mal-Uffiċċju Reġjonali tal-WHO għall-Ewropa

Measles affects all age groups

Measles is an acute, highly contagious disease capable of creating epidemics. It can be contracted at any age. **Infants and children** are often believed to be the only age groups affected by measles, but the disease also spreads among **teenagers and adults**. Vaccination is the best way to protect yourself and others against measles, regardless of age.



SURVEILLANCE REPORT

Measles and rubella monitoring

July 2016

Disease surveillance data: 1 July 2015 – 30 June 2016

Main developments

The ECDC measles and rubella monitoring report is published twice a year. The January issue reports on the previous calendar year, while the summer issue (July) focuses on the most recent measles and rubella season and presents the data collected over the past 12 months. Visualised measles and rubella data are available online through the [measles](#) [1] and [rubella](#) [2] pages of the ECDC Surveillance Atlas (updated monthly). In addition, ECDC produces monthly high-resolution measles [maps](#) [3].

Measles

- Between 1 July 2015 and 30 June 2016, 1 818 cases of measles were reported by 30 EU/EEA countries. Twenty-six countries reported consistently throughout this 12-month period.
- Italy accounted for 31% of all cases reported during this period.
- Measles is targeted for elimination in Europe. The measles notification rate was below the elimination target (one case per million population) in 19 of the 30 reporting countries. Eight of these 19 countries reported zero cases. Eleven reporting countries had a notification rate above this indicator, with Lithuania reporting the highest rate (16.8 cases per million population).
- The diagnosis of measles was confirmed by positive laboratory results (serology, virus detection or isolation) in 94% of all cases.

Il-Programm VPD: mard li jista' jiġi evitat bit-tilqim

L-ECDC ippubblika żewġ dokumenti ta' gwida matul il-Ġimgħa Ewropea tal-Immunnizzazzjoni tal-2016: verżjoni aġġornata ta' "Ejja nitkellmu dwar il-protezzjoni" ("Let's talk about protection") (dwar l-immunnizzazzjoni tat-tfal) u "Ejja nitkellmu dwar l-eżitazzjoni" ("Let's talk about hesitancy") (dwar l-eżitazzjoni tat-tilqim). S'issa, seba' pajjiżi adattaw dawn id-dokumenti għall-użu nazzjonali. Verżjonijiet lokalizzati ġew prodotti fl-Awstrija, fl-Italja u fil-Greċja.

In-nuqqas drammatiku tar-rati ta' kopertura tat-tilqim tal-virus tal-papilloma uman (HPV) f'ċerti Stati Membri ħeġġeġ lill-ECDC biex jibda l-ħidma fuq id-determinanti tal-eżitazzjoni tat-tilqim tal-HPV u biex jindirizza tħassib dwar kwistjonijiet ta' sigurtà. Bħala l-ewwel pass, l-ECDC u l-Bord internazzjonali tal-Prevenzjoni u tal-Kontroll tal-HPV bdew jimmonitorjaw l-eżitazzjoni tat-tilqim tal-HPV fil-midja soċjali.

L-ECDC għamel sessjoni ta' ħidma fuq "Is-sejba tal-bilanċ fit-tilqim tul il-ħajja" ("Finding the balance in lifelong vaccination") u beda proġett dwar il-piż osservat ta' mard li jista' jiġi evitat bit-tilqim fi gruppi ta' età ikbar. Il-proġett jiġbor data dwar il-piż ta' mard li jista' jiġi evitat bit-tilqim f'adulti biex jipprovdil lil dawkl li jfasslu l-politika b'informazzjoni dwar kif programmi ta' tilqim jistgħu jiġu mtejjba u jekk strateġija ta' immunnizzazzjoni tul il-ħajja tipprovdix protezzjoni aħjar fl-Ewropa.

Fl-2016, l-ECDC tejjeb is-sistemi ta' sorveljanza ta' kontroll għall-pertussis u l-mard pneumokokkali invażiv (IPD, invasive pneumococcal disease). Is-sorveljanza ssir permezz ta' networks ibbażati fi sptar li fihom l-esperti tal-laboratorju, l-epidemjoloġisti u dawkl li jmexxu l-kliniċi jaħdmu flimkien biex jidentifikaw u jiddijanostikaw każijiet ta' pertussis u ta' IPD kemm jista' jkun malajr. L-għan hu li jiġu sorveljati l-impatt u l-effikaċja tat-tilqim u li jiġu mmonitorjati r-reżistenza antimikrobika u s-sostituzzjoni tas-serotip.

L-ECDC investiga nuqqas ta' tilqim tal-pertussis u ppubblika s-sejbiet tiegħu f'Valutazzjoni tar-Riskju Rapida.

Il-numru miżjud ta' każijiet ta' difterite fl-UE/ŻEE (70 każ fl-2015 imqabbla ma' 14 fl-2010), ħeġġeġ lill-ECDC jipproduċi Valutazzjoni tar-Riskju Rapida fuq każ fatali tad-difterite fil-Belġju u jivvaluta d-disponibbiltà tal-antitossina tad-difterite fl-Ewropa.

L-ECDC żviluppa pjan ta' azzjoni biex jiggwida l-attivitajiet għall-qerda tal-poljomjelite u jappoġġja l-istatus ta' ħielsa mill-poljomjelite tal-Ewropa. Il-pjan ta' azzjoni jiffoka fuq aspetti ta' trażżin (eż. l-identifikazzjoni ta' faċilitajiet essenzjali għall-poljovirus u l-qerda tal-virusijiet kollha tal-poljomjelite tat-tip 2 li fadal maħżuna fil-laboratorji).

L-*Iskedar tat-Tilqim tal-UE* komplet tkun fost l-aktar karatteristiċi li żaruha nies fuq il-portal tal-web tal-ECDC, b'234 000 żjara fl-2016 (54 000 viżitatur uniku).

Fuq: Il-ħosba taffettwa lill-gruppi kollha ta' età, infografika tal-ECDC In-naħa tax-xellug t'isfel: Edizzjoni tal-2016 ta' Ejja nitkellmu dwar il-protezzjoni In-naħa tal-lemin t'isfel: Rapport ta' monitoraġġ dwar il-ħosba u r-rubella tal-ECDC



*In-naħa tax-xellug ta' fuq: "U l-Premju Ewropew għas-Saħħa jmur għand..." Id-Direttur tal-ECDC, Andrea Ammon, u l-espert tal-komunikazzjonijiet, Giovanni Mancarella, fil-Forum Ewropew dwar is-Saħħa f'Gastein, l-Awstrija.
 In-naħa ta' fuq taċ-ċentru: Għoti taċ-ċertifikat, il-Premju Ewropew għas-Saħħa tal-2016
 In-naħa ta' fuq tal-lemin: Disponibbli wkoll bil-miktub: Rapporti tal-ECDC
 In-naħa tal-lemin taċ-ċentru: Imsieħba fl-EPIET, Spetses, il-Greċja
 Taħt: Diskussjoni tal-bord, Jum Ewropew għall-Għarfien dwar l-Antibijotiċi 2016*

Komunikazzjoni u taħriġ: inxerrdu l-aħbar, ngħaddu l-għarfien

L-integrazzjoni tal-komunikazzjoni tar-riskju u tal-ippjanar tat-tnejjija nazzjonali ġiet stabbilita b'mod formali fl-istrateġija tal-komunikazzjoni l-ġdida tal-ECDC. L-istrateġija l-ġdida ser isservi bħala l-bażi tal-isforzi tal-komunikazzjoni tal-ECDC fis-snin li ġejjin.

L-ECDC ippubblika total ta' 158 rapport fl-2016, inkluż 38 Valutazzjoni tar-Riskju Rapidi u 69 rapport ta' sorveljanza.

Il-preżenza taċ-Ċentru fil-midja soċjali kibret b'mod sostanzjali fl-2016, parzjalment bħala konsegwenza tal-interess qawwi fil-komunikazzjoni taċ-Ċentru dwar iz-Zika.

Is-sena 2016 immarkat l-20 anniversarju ta' *Eurosurveillance*, okkażjoni ċelebrata b'seminar xjentifiku. Fl-2016, il-ġurnal irċieva 864 sottomissjoni; ġew ippubblikati 234 oġġett, rata ta' aċċettazzjoni ta' madwar 20%. Il-fattur tal-impatt tal-ġurnal tal-2016 żdied għal 5.98, li jpoġġi l-*Eurosurveillance* fl-aktar għaxar ġurnali li għandhom impatt għoli għall-mard infettiv.


EPIET u l-programm sieħeb tiegħu EUPHEM ġew integrati f'dak li issa jissejjaħ il-Programm ta' Sħubija tal-ECDC. Il-Programm ta' Sħubija ser ikompli joffri żewġ mogħdijiet distinti (l-epidemjoloġija u l-mikrobijoloġija tas-saħħa pubblika) li ser jaqsmu qafas loġistiku u organizzattiv komuni.

Il-kurrikulu mifruq fuq sentejn tal-Programm jenfasizza b'mod ċar il-kompiti f'istituzzjonijiet tas-saħħa pubblika madwar l-Ewropa fejn l-imsieħba jkunu tassew okkupati fix-xogħol ta' kuljum marbut mas-saħħa pubblika.


Fl-2016, koorti ta' 28 imsieħeb ġew irreklutati, filwaqt li gradwaw 36 sieħeb/sieħba. Fl-aħħar tas-sena, ġew irreġistrati 76 sieħeb/sieħba (Koorti 2015 u Koorti 2016 magħqudin). Il-Programm wettaq 29 żjara ta' taħriġ fuq il-post, għamel kors introdutturju, u għallem seba' moduli ta' taħriġ. L-imsieħba kollha pparteċipaw f'investigazzjonijiet fuq il-post.

F'Marzu 2016, l-ECDC iffirma ftehim ta' kollaborazzjoni ma' ASPHER, l-Assoċjazzjoni tal-Iskejjel tas-Saħħa Pubblika fir-Reġjun Ewropew. ASPHER tirrappreżenta aktar minn 100 skola tas-saħħa pubblika fl-Ewropa.

Stħarriġ fost l-iskejjel ta' ASPHER esplora oqsma ta' interess komuni fil-qasam tal-mard li jista' jittieħed. Dan ser iwassal għall-ewwel immappjar tal-kurrikuli fl-2017 u għall-ħolqien ta' netwerk estiż ta' skejjel li ser jimpenjaw ruħhom f'numru ta' attiitajiet konġunti bħall-iskambju tal-fakultà u l-iżvilupp tal-kompetenzi.




Rate per 100 000 population



EU/EEA rate 5.9 per 100 000*

Non-visible countries
Liechtenstein
Luxembourg
Malta



Noqogħdu attenti: viġilanza kontra l-mard

Intelliġenza epidemika u rispons

Sa miill-bidu tiegħu, is-sorveljanza u l-monitoraġġ tal-mard kienu fil-qalba tal-mandat tal-ECDC. Iċ-Ċentru jara s-sorveljanza tal-mard bħala kuntestwali u mhux bħala dixxiplina iżolata: iċ-Ċentru jista' juża l-potenzjal proprju tiegħu u jpoġġi lill-nnifsu f'pożizzjoni bħala forza mexxejja fil-protezzjoni tas-saħħa pubblika fl-Ewropa biss flimkien ma' funzjonijiet pubbliċi tas-saħħa oħra, bħall-parir xjentifiku, it-tnejjija, ir-rispons, it-taħriġ u l-komunikazzjoni tas-saħħa.

In-numru ta' Valutazzjonijiet tar-Riskju Rapidi prodotti fl-2016 juri l-abbiltà tal-ECDC li jirrispondi malajr għal theddid epidemjoloġiku: fi 38 Valutazzjoni tar-Riskju Rapidi, l-ECDC ipprova informazzjoni prezzjuża tal-isfond u analiżi konċiża tat-theddid. L-ECDC ippubblika wkoll 45 *Aġġornament Epidemjoloġiku* fuq is-sit web tiegħu, 39 minnhom fuq il-virus Zika.

L-ECDC beda jirrevedi l-metodoloġija u l-proċeduri għall-Valutazzjonijiet tar-Riskju Rapidi biex ikompli jtejjeb il-konsistenza tal-metodi u biex jiżgura l-involviment tal-Istati Membri u ta' aġenziji internazzjonali.

F'kooperazzjoni mal-WHO u maċ-Ċentri tal-Istati Uniti għall-Kontroll u l-Prevenzjoni tal-Mard, il-klassifikazzjonijiet tal-pajjiżi taz-Zika ġew riveduti u aġġornati. Ir-riżultati ntużaw għall-produzzjoni ta' mapep ta' riskju u għall-forniment ta' pariri għall-ivvjaġġar.

In-naħa tax-xellug ta' fuq: Virus Zika, mudell tal-ippintjar 3D


In-naħa ta' fuq taċ-ċentru: Ix-xjenziati tal-ECDC, Josep Jansa u Ettore Severi jingħaqdu mat-tim tal-Korp Mediku Ewropew għal missjoni fl-Angola

In-naħa ta' fuq tal-lemin: Mappa tal-inċidenza tal-HIV

In-naħa tax-xellug taċ-ċentru: Ritratt tal-persunal tal-ECDC

Isfel: Diskussjoni matul il-laqgħa Round Table ta' kuljum tal-ECDC

Baġit tal-ECDC għall-2016



Baġit totali ewlieni: EUR 58.36 miljun

Fit-23 ta' Mejju 2016, il-Kumitat tal-UE għall-Baġits approva finanzjament għall-kwartieri ġenerali l-ġodda tal-ECDC.

Wara aktar minn għaxar snin, l-ECDC ser iħalli l-bini l-qadim u jiċċaqlaq għall-viċinat ta' Frösunda, 2.5 km fit-tramuntana tal-lokalità attwali tiegħu u 5 km fit-tramuntana taċ-ċentru ta' Stokkolma.


Il-preparazzjonijiet għaċ-ċaqliqa bdew tard fl-2016, fejn ħafna mill-ippjanar ġie skedat għall-2017. Iċ-ċaqliqa reali ser isseħħ fir-rebbiegħa tal-2018.

Tomtebodaskolan, li tlesta fl-1888 huwa bini ta' skola antika li ġie rranġat biex iservi bħala l-kwartieri ġenerali tal-ECDC u ser jitbattal kmieni fl-2018.



L-ECDC f'numri

Kompożizzjoni tal-persunal tal-ECDC skont in-nazzjonalità



Fil-31 ta' Diċembru 2016, l-ECDC kellu total ta' 260 membru tal-persunal. Fil-grafika t'hawn taħt, id-daqs taċ-ċirku jirrappreżenta n-numru ta' persunal tal-ECDC minn pajjiż partikolari.



**Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard
(ECDC)**

Indirizz postali:

Granits väg 8, SE-171 65 Solna, l-Iżvezja

Indirizz għaż-żjarat:

Tomtebodavägen 11a, SE-171 65 Solna, l-Iżvezja

Tel. +46 858601000

Fax +46 858601001

<http://www.ecdc.europa.eu>

Aġenzija tal-Unjoni Ewropea

<http://www.europa.eu>

